

DEMOKRAZIJA



© European Union 2017 – Source: EP

Kull ħames snin, iċ-ċittadini tal-UE jeleġġu direttament lir-rappreżentanti tagħhom fil-Parlament Ewropew. L-elezzjonijiet li jmiss se jsiru fl-2024.



EUROPE@SCHOOL

DEMOKRAZIJA



© European Union 2014 – Source: EP

Iċ-ċittadini tal-UE li jgħixu f'pajjiż ieħor tal-UE għandhom id-dritt jivvutaw jew jiġu eletti fl-elezzjonijiet lokali u fl-elezzjonijiet Ewropej ta' fejn jgħixu. Pereżempju, mara Griega li tgħix Berlin tista' tiġi eletta sindku hemmhekk.



EUROPE@SCHOOL

DEMOKRAZIJA



Inizjattiva taċ-Ċittadini tal-UE: Jekk miljun ċittadin f'tal-anqas seba' pajjiżi differenti jiffirmaw petizzjoni, jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni Ewropea tressaq proposta leġislattiva.



EUROPE@SCHOOL

DEMOKRAZIJA



© European Union 2011 – Source: EP

Il-Parlament Ewropew jipparteċipa f'osservazzjonijiet elettorali f'pajjiżi barra l-UE (eż. fl-Eġittu jew fl-Ukrajna) sabiex jinkoraġġixxi elezzjonijiet ħielsa u ġusti.



EUROPE@SCHOOL

LIBERTÀ



Iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jivvjaġġaw fejn iridu fl-UE kollha.



EUROPE@SCHOOL

LIBERTÀ



Il-kumpaniji m'għandhomx id-dritt jiġbru data personali, ħlief taħt kundizzjonijiet stretti ħafna. Dan huwa d-dritt tagħna għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data.



EUROPE@SCHOOL

LIBERTÀ



Iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jaħdmu fi kwalunkwe Stat Membru tal-UE mingħajr ma jkollhom bżonn permess.



EUROPE@SCHOOL

LIBERTÀ



© European Union 2011 – Source: EP

Fl-UE tista' tesprimi l-opinjoni tiegħek mingħajr biża' li tispiċċa l-ħabs. Din hija l-libertà tal-kelma. L-uniku diskors li ma jistax isir huwa diskors ta' mibegħda lejn (gruppi ta') persuni oħra.



EUROPE@SCHOOL

SOLIDARJETÀ



Ir-reġjuni inqas sinjuri fl-UE jirċievu għajnuma finanzjarja addizzjonali.



EUROPE@SCHOOL

SOLIDARJETÀ



© Antonio Gravante

L-Istati Membri tal-UE qablu li jgħinu lil xulxin jekk wieħed minnhom jintlaqat minn attakk terroristiku jew jisfa vittma ta' diżastru naturali jew ikkawżat mill-bniedem. Din il-klawżola ntużat għall-ewwel darba wara l-attakki ta' Pariġi fl-2015.

EUROPE@SCHOOL



SOLIDARJETÀ



EUROPE@SCHOOL



SOLIDARJETÀ



© European Union 2017 - Source: EC

Flimkien, l-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar donatur ta' għajjnuna umanitarja fid-dinja.

EUROPE@SCHOOL



UGWALJANZA / NONDISKRIMINAZZJONI



lċ-ċittadini tal-UE li jistudjaw fi Stat Membru ieħor tal-UE jħallsu l-istess miżati bħall-istudenti ta' dak il-pajjiż. Pereżempju, student Taljan li jistudja Pariġi jħallas eżatt l-istess miżata bħaċ-ċittadini Franċiżi.

EUROPE@SCHOOL



UGWALJANZA / NONDISKRIMINAZZJONI



Meta jkollhom tarbija, jew jekk jadottaw tifel jew tifla, l-omm u l-missier ikunu intitolati għal mill-inqas erba' xhur leave biex jieħdu ħsiebhom.

EUROPE@SCHOOL



UGWALJANZA / NONDISKRIMINAZZJONI



Fl-UE, iċ-ċittadini ma jistgħux jitkeċċew jew jiġu mċaħħda minn impjeg minħabba l-orjentazzjoni sesswali tagħhom.

EUROPE@SCHOOL



UGWALJANZA / NONDISKRIMINAZZJONI



© European Union 2021 - Source: EP

Kull sena, il-Parlament Ewropew ifakkar u jiċċelebra l-Jum Internazzjonali tal-Mara (it-8 ta' Marzu), biex jipromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi.

EUROPE@SCHOOL



L-ISTAT TAD-DRITT / IL-ĠUSTIZZJA



© European Union 2017 - Source: EP

Fl-UE, il-vittmi u l-persuni suspettati kollha għandhom id-dritt għal proċess ġust. Kwalunkwe persuna suspettata hija innoċenti sa ma tinstab ħatja fil-qorti.

EUROPE@SCHOOL



L-ISTAT TAD-DRITT / IL-ĠUSTIZZJA



Il-vittmi u l-persuni suspettati b'rabta ma' reat jew inċidenti jeħtiġilhom jiġu infurmati dwar il-proċeduri legali b'lingwa li jifhmu. Dan is-servizz jitħallas mill-Istat Membru fejn isir il-proċess.

EUROPE@SCHOOL



L-ISTAT TAD-DRITT / IL-ĠUST-TIZZJA




L-Istati Membri tal-UE li ma jirrispettawx l-istat tad-dritt jistgħu jirrievu twissija, jaqilgħu kastig jew jiġu esklużi għal xi żmien mill-proċess deċiżjonali fl-UE.

EUROPE@SCHOOL



L-ISTAT TAD-DRITT / IL-ĠUST-TIZZJA



L-Istati Membri tal-UE huma obbligati jirrispettaw ir-regoli u r-regolamenti tal-UE. Jekk le, jistgħu jitressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE.

EUROPE@SCHOOL



IR-RISPETT GĦAD-DRITTIJET TAL-BNIEDEM



Il-Parlament Ewropew jagħti l-Premju Sakharov lil persuni minn madwar id-dinja li jagħtu kontribut straordinarju favur id-drittijiet tal-bniedem.

EUROPE@SCHOOL



IR-RISPETT GĦAD-DRITTIJET TAL-BNIEDEM



L-UE għandha Rappreżentant Speċjali għad-Drittijiet tal-Bniedem. Ir-rwol ta' din il-persuna huwa li ttejjeb il-politika Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem barra l-UE.

EUROPE@SCHOOL



IR-RISPETT GĦAD-DRITTIJET TAL-BNIEDEM



Darba fix-xahar, il-Membri tal-Parlament Ewropew jiddibattu l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. B'dan il-mod, jiġbdu l-attenzjoni għall-abużi tad-drittijiet tal-bniedem.

EUROPE@SCHOOL



IR-RISPETT GĦAD-DRITTIJET TAL-BNIEDEM



L-Istati Membri kollha tal-UE huma marbutin li jiffirmaw u jirrispettaw il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

EUROPE@SCHOOL



IT-TOLLERANZA / PLURALIŻMU



Tista' tipprattika jew tibdel ir-reliġjon jew it-twemmin tiegħek meta trid.

EUROPE@SCHOOL



IT-TOLLERANZA / PLURALIŻMU



L-UE ffinanzjat proġett li, permezz tiegħu, ġurnalisti Rom u mhux Rom għamlu 25 film qasir dwar il-komunitajiet Rom. Il-proġett kellu l-għan li jindirizza l-isterjotipi li jinfluwenzaw il-perċezzjoni pubblika fil-midja li tirrapporta dwar persuni Rom.

EUROPE@SCHOOL



IT-TOLLERANZA / PLURALIŻMU



L-Istati Membri tal-UE jeħtiġilhom jikkumbattu d-diskors ta' mibegħda bbażat fuq ir-razza, is-sess, ir-reliġjon jew in-nazzjonalità fil-programmi televiżivi.

EUROPE@SCHOOL



IT-TOLLERANZA / PLURALIŻMU



Il-midja jeħtiġilha tippreżenta s-soċjetà fid-dimensjonijiet kollha tagħha. L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Midja tal-UE tara jekk dan huwiex il-każ.

EUROPE@SCHOOL



IR-RISPETT GĦAD-DINJITÀ TAL-BNIEDEM



Il-piena tal-mewt hija pprojbata fil-pajjiżi kollha tal-UE.

EUROPE@SCHOOL



IR-RISPETT GĦAD-DINJITÀ TAL-BNIEDEM



Anke t-tortura hija pprojbata fil-pajjiżi kollha tal-UE.

EUROPE@SCHOOL



IR-RISPETT GĦAD-DINJITÀ TAL-BNIEDEM



L-applikanti għall-ażil fl-UE huma intitolati għal kenn, għal ikel u għal servizzi sanitarji waqt li tkun qed tiġi vvalutata l-applikazzjoni għall-ażil tagħhom.

EUROPE@SCHOOL



IR-RISPETT GĦAD-DINJITÀ TAL-BNIEDEM



It-tħaddim tat-tfal, l-iskjavitù u l-isfruttament tal-ħaddiema huma pprojbati wkoll.

EUROPE@SCHOOL



VERU
FALZ

Int għandek il-libertà li tesprimi l-fehma tiegħek fl-UE, iżda d-diskors ta' mibegħda mhux permess.

VERU

EUROPE@SCHOOL

VERU
FALZ

Int tista' taħdem biss f'pajjiż ieħor tal-UE jekk ikollok permess tax-xogħol.

FALZ

Iċ-ċittadini kollha tal-UE jistgħu jaħdmu fi kwalunkwe pajjiż tal-UE mingħajr ma jkollhom bżonn permess.

EUROPE@SCHOOL

VERU
FALZ

Il-kumpaniji jistgħu jiġbru d-data tagħna mingħajr il-permess tagħna.

FALZ

Il-kumpaniji m'għandhomx id-dritt jiġbru data personali, ħlief taħt kundizzjonijiet stretti ħafna.

EUROPE@SCHOOL

VERU
FALZ

Iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jivvjaġġaw fejn iridu fl-UE kollha.

VERU

EUROPE@SCHOOL

VERU
FALZ

Ma hemm l-ebda elezzjoni diretta għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

FALZ

Mill-1979, iċ-ċittadini tal-UE eleġġew b'mod dirett Parlament Ewropew ġdid, darba kull 5 snin.

EUROPE@SCHOOL

VERU
FALZ

Iċ-ċittadini tal-UE ma jistgħux jipproponu leġiżlazzjoni ġdida fil-livell tal-UE.

FALZ

Permezz tal-Inizjattiva ta' Ċittadini tal-UE, iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni Ewropea biex tagħmel liġijiet ġodda.

EUROPE@SCHOOL

VERU
FALZ

Bħala ċittadin tal-UE li tgħix f'pajjiż ieħor tal-UE, int għandek id-dritt li tivvota jew li tiġi elett(a) għall-Parlament Ewropew fejn tgħix.

VERU

EUROPE@SCHOOL

VERU
FALZ

Il-Parlament Ewropew josserva l-elezzjonijiet f'pajjiżi barra l-UE sabiex jipromwovi elezzjonijiet ħielsa u ġusti

VERU

EUROPE@SCHOOL

VERU
FALZ

L-Unjoni Ewropea m'għandha l-ebda regoli dwar il-liv tal-ġenituri.

FALZ

L-UE tiżgura tal-anqas erba' xhur ta' liv għall-ġenituri, għall-kull ġenitur.

EUROPE@SCHOOL

VERU
FALZ

Fl-UE, iċ-ċittadini ma jistgħux jitkeċċew jew jiġu mċaħħda minn impjeg minħabba l-orjentazzjoni sesswali tagħhom.

VERU

EUROPE@SCHOOL

VERU
FALZ

Jekk ċittadin tal-UE jistudja f'pajjiż ieħor tal-UE, dan iħallas 10 % aktar meta mqabbel ma' student nazzjonali.

FALZ

Iċ-ċittadini tal-UE jħallsu l-istess miżata għat-tagħlim bħall-istudenti nazzjonali.

EUROPE@SCHOOL

VERU
FALZ

Fl-UE, il-vittmi u l-persuni suspettati kollha għandhom id-dritt għal proċess ġust.

VERU

EUROPE@SCHOOL

VERU
FALZ

Il-vittmi ta' reat jew ta' inċident jeħtiġilhom jiġu informati dwar il-proċedura legali f'lingwa li jifhem. Il-persuni suspettati m'għandhomx dan id-dritt.

FALZ

Kemm il-vittmi kif ukoll il-persuni suspettati għandhom id-dritt li jiġu informati f'lingwa li jifhem.

EUROPE@SCHOOL

VERU
FALZ

Ir-regġuni inqas sinjuri fl-UE jirċievu għajjnuna finanzjarja addizzjonali.

VERU

EUROPE@SCHOOL

VERU
FALZ

Jekk Stat Membru tal-UE jikser id-drittijiet fundamentali tal-UE, dan jitkeċċa mill-UE.

FALZ

Il-pajjiż jista' jingħata twissija, jaqla' kastig jew jiġi eskluż għal xi żmien mill-proċess deċiżjonali fl-UE.

EUROPE@SCHOOL

VERU
FALZ

Jekk iseħħ attakk terroristiku f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE, il-membri l-oħra jgħinu lill-pajjiż milqut.

VERU

EUROPE@SCHOOL

VERU
FALZ

L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Midja tiżgura li l-midja fl-UE turi s-soċjetà fid-dimensjonijiet kollha tagħha.

VERU

EUROPE@SCHOOL

VERU
FALZ

L-UE u l-Istati Membri tagħha huma t-tieni l-akbar donaturi ta' għajjnuna għall-iżvilupp fid-dinja, wara l-Istati Uniti.

FALZ

Flimkien, dawn huma l-akbar donatur ta' għajjnuna għall-iżvilupp fid-dinja.

EUROPE@SCHOOL

VERU
FALZ

Il-persuni kollha li jfittxu ażil fl-UE huma intitolati għal kenn, għal ikel u għal servizzi sanitarji tul il-proċedura kollha tal-ażil.

VERU

EUROPE@SCHOOL

VERU
FALZ

Il-Fond tal-UE ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni jsostni lill-kumpaniji li għandhom uffiċċju tal-inqas fi Stat Membru tal-UE.

FALZ

Dan il-Fond jgħin lin-nies isibu xogħol ġdid jekk jitlew xogħolhom minħabba l-globalizzazzjoni, eż., il-kumpanija tmur f'pajjiż li għandu pagi aktar baxxi

VERU
FALZ

Fl-UE, mhuwiex possibbli li tbiddel ir-reliġjon tiegħek.

FALZ

Tista' tipprattika jew tbiddel ir-reliġjon jew it-twemmin tiegħek.

EUROPE@SCHOOL

VERU
FALZ

Anke t-tortura hija pprojbita fil-pajjiżi kollha tal-UE.

VERU

EUROPE@SCHOOL

VERU
FALZ

Id-diskors ta' mibegħda fi programmi televiżivi huwa aċċettat f'xi pajjiżi tal-UE.

FALZ

Id-diskors ta' mibegħda fuq il-bażi ta' razza, ta' sess, ta' reliġjon jew ta' nazzjonalità jrid jiġi miġġieled fil-programmi televiżivi fl-Istati Membri kollha tal-UE.

VERU
FALZ

F'ċerti pajjiżi tal-UE, il-piena tal-mewt għadha permessa.

FALZ

Il-piena tal-mewt hija pprojbita fil-pajjiżi kollha tal-UE

EUROPE@SCHOOL

VERU
FALZ

Kull Stat Membru tal-UE jrid ikun iffirma l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

VERU

EUROPE@SCHOOL

VERU
FALZ

It-tħaddim tat-tfal mhuwiex mixtieq, iżda għadu permess f'xi pajjiżi tal-UE.

FALZ

It-tħaddim tat-tfal huwa pprojbit fl-Istati Membri kollha tal-UE.

EUROPE@SCHOOL

VERU
FALZ

L-UE għandha Rappreżentant Speċjali għad-Drittijiet tal-Bniedem.

VERU

EUROPE@SCHOOL

VERU
FALZ

Il-Parlament Ewropew jiddibatti biss dwar il-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem li jseħħu fl-Unjoni Ewropea.

FALZ

Il-Parlament Ewropew jiddibatti dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem mad-dinja kollha.

EUROPE@SCHOOL

VERU
FALZ

Il-Premju Sakharov jingħata lil persuni li jippromwovu l-kooperazzjoni fl-UE.

FALZ

Il-premju Sakharov jingħata lil persuni li jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem.

EUROPE@SCHOOL









VERU
FALZ

Kull Stat Membru tal-UE jrid ikun iffirma l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

VERU

EUROPE@SCHOOL

MAPPA TAL-VALURI PERSONALI

| Valuri | Il-fehmiet tiegħi? | Prijorità għall-UE? |
|--|--|------------------------|
| Demokrazija  | Sistema ta' gvern min-nies, tipikament permezz ta' rappreżentanti eletti. | TAQBEL / MA TAQBILX |
| Libertà  | Aħna liberi li naġixxu, nitkellmu jew naħsbu kif irridu. Il-libertà tfisser ukoll li ma tinżammx prigionier jew skjav. | TAQBEL / MA TAQBILX |
| Solidarjetà  | Aħna lkoll marbutin ma' xulxin u responsabbli wieħed għall-ieħor. Is-solidarjetà tfisser li l-membri tal-istess grupp jgħinu lil xulxin. | TAQBEL / MA TAQBILX |
| Ugwaljanza  | Kulħadd huwa ndaqx fl-istatus, id-drittijiet (quddiem il-liġi) u l-opportunitajiet. | TAQBEL / MA TAQBILX |
| Ġustizzja / stat tad-dritt  | Kull persuna u istituzzjoni trid toqgħod għal liġijiet ċari u ġusti li jkunu applikati u infurzati b'mod ġust. | TAQBEL / MA TAQBILX |
| Rispett għad-drittijiet tal-bniedem  | Id-drittijiet tal-bniedem huma drittijiet u libertajiet bażiċi li jappartjenu għal kull persuna fid-dinja. Dawn iridu jiġu rispettati u mħarsa dejjem. | TAQBEL / MA TAQBILX |
| Tolleranza / Pluraliżmu  | Aħna naċċettaw u nirrispettaw il-fatt li jeżistu varjetà ta' opinjonijiet u modi ta' mġiba fis-soċjetà , fosthom xi wħud li ma jogħġbuniex jew li ma naqblux magħhom. | TAQBEL / MA TAQBILX |
| Rispett għad-dinjità tal-bniedem  | L-integrità fiżika u psikoloġika tal-persuni għandha dejjem tiġi rispettata. | TAQBEL / MA TAQBILX |